IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru55(Erbgħa u ħamsin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fl-uffiċċju amministrattiv nhar il-Ħamis 12 ta' Jannar, 2023, fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| | Raymond Camilleri |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| | Mary Doris Borg |
| **Assenti b'Apoloġija** | |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**55.1. Item Nru 55.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

55.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.13pm u s-Segretarju qal li s-Sa. Rosabelle Pulis qaltilna li mhux ser tattendi minħabba raġuni teknika u ma setgħetx tara l-Aġenda u l-Minuti. Kulħadd qabel li tiġi kkunsidrata skużata.

**55.2. Item Nru. 55.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

55.2.1 Il-Minuti ġew moqrija u kien hemm korrezzjoni waħda tas-Sinjura Doris Borg ser qalet li f'Minuta 54.4.1 hi ma qalitx dak il-kliem għalhekk għanda titneħħa. Kien hemm qbil fuq din il-korrezzjoni u għalhekk ġew approvati.

IX-XGĦAJRA

**55.3 Item Nru. 55.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

55.3.1 Is-Sindku qal li l-Proġett tal-Bandli issa ser jiġi ffirmat il-Kuntratt mal-lands tad-development planning Funds. IL-Planning Authority talbet għal kopja tat-tender u d-dokumenti relatati u approvathom. L-ammont li ser jinghataw huma ta' €151,791.66.

Il-Kunsill ra ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni u qabel unanimament li jipproċedi bl-offerta mitfuha.

Għalhekk ser jgħaddi għal li jmiss billi jiġi ffirmat ukoll il-kuntratt mal-Kuntrattur.

55.3.2 Is-Sindku tkellem fuq il-*jogging track* u qal li għadu jipprova jkollu aggornament fuq meta ser jiġi ppublikat dan it-tender. Is-Sur Attard fakkar li għandu konferma mil-uffiċċju tal-Ministru Clyde Caruana li dan il-proġett ser isir kif kien ippjanat.

55.3.3. Is-Sur Attard qal li l-bandli tax-xatt għadu qiegħed jistenna xi kwotazzjonijiet sabiex inkunu nistgħu naraw jekk hux ideali jiġi ppublikat tender jew le.

55.3.4 Is-Sindku qal li l-attivitajiet tal-Milied għaddew u mar kollox sew. Stennejna aktar attendenza fl-attivita ta' Milied fix-Xgħajra pero dak in-nhar stess kien hemm il-Finali tat-tazza tad-dinja u ħafna nies għażlu li ma jiġux. Għal din l-attivita kellna attrazzjonijiet għat-tfal u żgħażagħ, anzjani kif ukoll spettaklu sabieħ fuq il-palk bil-partecipazzjoni ta' bands u żeffiena.

Ma setax jonqsu wkoll animaturi bħal Father Christmas, Mickey Mouse u Mini Mouse.

Il-post ġie mżejjen b'dawl tal-Milied biex tingħata l-atmosfera natalizia kif ukoll bi stalls u parteċipanti li bdew ibiegħu affarijiet tradizzjonali marbuta mal-Milied bħal Mulled wine, minced pies u affarijiet oħra.

L-attivitajiet tat-tfal kienu suċċess fl-iskola bil-parteċipazzjoni ta' animaturi wkoll u ppreżentajna xi ħaġa ta' tifkira lit-tfal preżenti. Saret ukoll get together bħal ma nagħmlu kull sena u kienu mistiedna r-residenti tax-Xgħajra kollha.

L-attivitajiet kollha marbuta mal-Milied ġew jiswew €19,000 u għandna l-kontijiet kollha mal-iskeda tal-pagament ta' din il-laqgħa.

55.3.5 Is-Sindku tkellem fuq ix-xogħol tal-Pith tal-Boċċi u qal li b'permezz tal-fondi tal-Proġetti kapitali beda x-xogħol tal-iskavar u tindif sabiex isir pitch biss fejn id-delettanti jkunu jistgħu jilgħabu l-Boċċi. Dan għaliex biex isir il-proġett kollu irridu nistennew ħafna minħabba l-permessi kif ukoll minħabba li l-proġett ser jiswa aktar minn €200,000, skond l-istimi tal-Perit. Għalhekk il-Kunsill kien qabel fil-laqgħa preċedenti li jsir skavar u livellar adegwat sabiex isir biss il-pitch.

55.3.6 Is-Sindku tkellem fuq il-ħadid tal-prominade u qal li jidher li ser jibda jitwaħħal ir-railing il-ġdid għaliex qalgħu parti minnu u sar fence temporanju.

55.3.7 Is-Sindku qal li l-community Policing bdew u qed iduru max-Xgħajra sabiex jedukaw. L-iskop taghhom mhux li jħarrku imma li jkollhom kuntatt mar-residenti u jaraw il-bżonnijiet tan-nies.

55.3.8 Is-Sindku tkellem fuq iz-zebra crossing ta' quddiem Triq Frans Minuti u qal li minħabba li din hija xi ħaġa li tista tkun ta' periklu tajjeb li x-xogħol isir minn ħaddiema professjonali u allura ser inġibu stimi minn kuntrattur sabiex ix-xogħol isir skond il-pjanta li nħarġet minn Trasport Malta. Kulħadd qabel ma' dan għaliex tista tkun ta' periklu.

**55.4 Item Nru 55.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

55.4.1 Is-Sur Raymond Camilleri tkellem fuq il-kalendarju li jippublikaw ix-Xgħajra Tornados u fejn il-Kunsill tax-Xgħajra jagħmel riklam fuqu u jiffinanzja parti mil-ispiża li tammonda għal €1,100. Il-Kunsill qabel li jsir dan ir-reklam.

55.4.2 Is-Sur Ramymond Camiller staqsa dwar il-bozoz ta' Triq it-Torri t'Alof de Wignacourt fejn ilhom mitfijin għal diversi gimgħat u xhur. Is-Segretarju qal li dawn ilhom irrapurtati mal-Enemalt minn Novembru u minkejja diversi reminders nirċievu luraa li għadhom pendenti. Bħalhom hemm ukoll ta' Trejqet ix-Xilep kif ukoll ta' Sqaq Alessi u Triq Carmelo Penza.

55.4.2 Is-Sur Valvo staqsa dwar il-bozza ta' Sqaq Ras il-Gebel propju fejn il-latrina fejn din ilha mitfija għal diversi xhur. Is-Sindku qal li din tinsab f'biċċa li hemm applikazzjoni l-Planning Authority biex tiġi żviluppata u alura irridu niċċekkjaw jekk hux skonnettjata apposta.

55.4.3 Is-Sa. Doris Borg staqsiet fuq jekk irċevejniex xi ħaġa mil-Onor. Alison Zerafa Civelli dwar il-ftuħ taċ-Ċentru Alijoy pero s-Segretarju qal li għadna ma rċevejna xejn.

55.4.4 Is-Sa Borg qalet li l-attivitajiet tal-Milied konċernati mat-tfal kienu tajbin ħafna u intgħoġbu ferm. Hi qalet li dawn kienu marbutin mal-iskola u ħdimna id f'id.

**55.5 Item Nru. 55.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

55.5.1 Ma kienx hemm rapporti

**55.6 Item Nru. 55.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

55.6.1 Xogħol ieħor ġie diskuss aktar kmieni.

**55.7 Item Nru. 55.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

55.7.1 Pagamenti b'numru 119 ġew approvati unanimament.

**55.8 Item Nru. 55.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

55.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1550 – Malta
Tel: 21695539
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGHAJRA

**55.9 Item Nru. 55.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

55.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.10pm

Aġġornament għal nhar il-Ħamis 16 ta' Frar, 2023

_________________________

Ranier Busuttil

Segretarju Eżekuttiv

_________________________

Neil Attard

Sindku